



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

---

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

---

**2013/0027(COD)**

15.1.2014

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat tas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jiżguraw livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni  
(COM(2013)0048 – C7-0035/2013 – 2013/0027(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Carl Schlyter

PA\_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

L-għan tal-proposta huwa li jinkiseb livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni fi ħdan l-UE. Ir-rapporteur jappoġġa l-oġġettivi tal-proposta, u jirrakkomanda emendi li jtejbju ċ-ċertezza legali u jsaħħu s-salvagwardji u l-protezzjoni tal-individwi u l-privatezza tagħhom, sabiex jiġi żgurat li l-individwi jkollhom kontroll tad-dejta personali tagħhom u fiduċja fl-ambjent diġitali, u sabiex tinħoloq kultura ta' ġestjoni tar-riskji u jsir titjib fl-iskambju tal-informazzjoni bejn il-partijiet privati u pubbliċi.

L-emendi proposti jikkonċernaw it-tisħiħ tar-referenza għal-leġiżlazzjoni dwar il-protezzjoni tad-dejta, u jikkjarifikaw li dik 'l-infrastruttura kritika' m'għandhiex tinkludi netwerks soċjali u s-siti tal-bejgħ ta' applikazzjonijiet (ara l-lista emendata fl-Anness II), filwaqt li jiżguraw ir-rispett tal-proporzjonalità billi jenfasizzaw l-aspett ċivili tal-impriża: il-biċċ l-kbira tat-tfixkil u l-kawżi komuni tal-ħsarat fis-sistemi mhumiex ċiberattakki intenzjonati minn terroristi, kriminali jew spjuni barranin, iżda huma żbalji umani u kawżi naturali mhux intenzjonati. Huwa ta' importanza kruċjali li l-UE tidistingwi l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni proposta minn kwalunkwe militarizzazzjoni tas-suġġett, filwaqt li jiġu esklużi l-għanijiet tal-industrija tas-sigurtà u s-sorveljanza, billi jittieħed inkonsiderazzjoni l-kuntest ta' suq diġitali globalizzat.

Tħassib kbir li għad baqa' jirrigwarda r-relazzjoni tas-sistema proposta mas-sistema ta' notifika proposta fir-Regolament dwar il-protezzjoni ta' dejta ġenerali, u l-koeżistenza effettiva tagħhom, li hija waħda mir-raġunijiet għalfejn qed jiġi enfasizzat il-fatt li kwalunkwe leġiżlazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà tal-UE għandha ssegwi l-adozzjoni tar-Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Dejta Ġenerali, mhux tippreċedih. Barra minn hekk, l-implikazzjonijiet finanzjarji u amministrattivi reali għandhom jiġu kkunsidrati, inklużi l-ispejjeż totali għas-soċjetà u mhux biss l-ispejjeż biex issir notifika. Kumpaniji tas-softwer li jagħmlu programmar bi traskuraġni, u b'hekk jiffrankaw il-flus billi jesponu l-konsumaturi tagħhom, mhux fil-każijiet kollha jkunu jistgħu jiġu protetti mill-istandard fil-kundizzjonijiet tal-utenti li jiċċdu kwalunkwe responsabbiltà għall-funzjonament ħażin tas-softwer tagħhom. Għandu jkollhom inċentivi biex ikunu żguri li huma raġonevolment sikuri. Fl-aħħar nett, il-kunċetti prinċipali għandhom jiġu kkjarifikati u ma jitħallewx miftuħa għall-interpretazzjoni mill-Istati Membri (bħat-tifsira ta' 'amministrazzjonijiet pubbliċi', 'impatt sinifikanti' u definizzjoni konkreta ta' 'ċiberkriminalità').

## EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

### Emenda 1

#### Proposta għal direttiva

#### Premessa 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(1) Is-sistemi u s-servizzi tan-netwerks u

(1) Is-sistemi u s-servizzi tan-netwerks u

tal-informazzjoni jaqdu rwol importanti ħafna fis-soċjetà. L-affidabbiltà u s-sigurtà tagħhom huma essenzjali għall-attivitajiet ekonomiċi **u l-benesseri** soċjali, u b' mod partikolari għall-funzjonament tas-suq intern.

tal-informazzjoni jaqdu rwol importanti ħafna fis-soċjetà. L-affidabbiltà u s-sigurtà tagħhom huma essenzjali għall-attivitajiet ekonomiċi, **għall-benesseri** soċjali, **u għal komunikazzjonijiet u skambji bejn in-nies, l-organizzazzjonijiet u l-impriżi tas-soċjetà ċivili, kif ukoll il-protezzjoni u r-rispett għall-ħajja privata u tad-dejta personali.**

## Emenda 2

### Proposta għal direttiva Premessa 2

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) Il-kobor u l-frekwenza ta' inċidenti deliberati jew aċċidentali ta' sigurtà qegħdin jiżdiedu u jirrappreżentaw theddida kbira għall-funzjonament tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni. Inċidenti bħal dawn jistgħu jxekklu l-eżerċizzju ta' attivitajiet ekonomiċi, jiġġeneraw telf finanzjarju sostanzjali, jimminaw il-fiduċja tal-utenti u jikkawżaw ħsara kbira fl-ekonomija tal-Unjoni.

#### *Emenda*

(2) Il-kobor u l-frekwenza ta' inċidenti deliberati jew aċċidentali ta' sigurtà qegħdin jiżdiedu u jirrappreżentaw theddida kbira għall-funzjonament tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni. Inċidenti bħal dawn jistgħu jxekklu l-eżerċizzju ta' attivitajiet ekonomiċi, jiġġeneraw telf finanzjarju sostanzjali, jimminaw il-fiduċja tal-utenti u jikkawżaw ħsara kbira fl-ekonomija tal-Unjoni. **Kien hemm rikonoxximent dejjem jikber li s-sistemi ta' kontroll huma vulnerabbli għal attacchi ċibernetiċi minn diversi sorsi, inklużi gvernijiet ostili, gruppi terroristiċi u deffisin malizzjużi oħra. Attakki intelliġenti u attacchi koordinati jista' jkollhom impatti serji għall-istabbiltà, il-prestazzjoni, u l-ekonomija tal-infrastruttura.**

## Emenda 3

### Proposta għal direttiva Premessa 3

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(3) Bħala strument ta' komunikazzjoni mingħajr fruntieri, is-sistemi ta' informazzjoni diġitali, u l-aktar l-Internet

#### *Emenda*

(3) Bħala strument ta' komunikazzjoni mingħajr fruntieri, is-sistemi ta' informazzjoni diġitali, u l-aktar l-Internet

għandhom rwol essenzjali fl-iffaċilitar tal-moviment transkonfinali ta' oġġetti, servizzi u persuni. Minħabba din in-natura transnazzjonali, tfixkil sostanzjali ta' dawn is-sistemi fi Stat Membru wieħed jista' jaffettwa wkoll lil Stati Membri oħrajn u lill-Unjoni iġenerali. Il-flessibbiltà u l-istabbiltà tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni għaldaqstant hija essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

għandhom rwol essenzjali fl-iffaċilitar tal-moviment transkonfinali ta' oġġetti, servizzi u persuni. Minħabba din in-natura transnazzjonali, tfixkil sostanzjali ta' dawn is-sistemi fi Stat Membru wieħed jista' jaffettwa wkoll lil Stati Membri oħrajn u lill-Unjoni iġenerali. Il-flessibbiltà u l-istabbiltà tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni għaldaqstant hija essenzjali għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern **u għall-komunikazzjonijiet u l-iskambji bejn in-nies, l-organizzazzjonijiet u l-impriżi tas-soċjetà ċivili.**

#### **Emenda 4**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 3a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(3a) Minħabba li l-iktar kawżi komuni tal-ħsarat fis-sistemi jibqgħu jkunu mhux intenzjonati, bħal kawżi naturali jew żbalji umani, l-infrastruttura għandha tkun flessibbli kemm għat-tfixkil intenzjonat kif ukoll għal dak mhux intenzjonat, u l-operaturi tal-infrastruttura kritika għandhom jiddisinjaw sistemi bbażati fuq il-flessibbiltà li joperaw anke meta jkun hemm ħsarat f'sistemi oħra lil hinn mill-kontroll tagħhom.***

#### **Emenda 5**

##### **Proposta għal direttiva Premessa 6a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(6a) Huwa vitali li tiġi rikonoxxuta l-inċertezza inerenti fis-sistemi kumplessi li jsostnuna. Dan jeħtieġ fehim kondiviż aħjar ta' dak li huwa kritiku bejn dawkl li jipproteġu organizzazzjoni u dawkl li***

## **Emenda 6**

### **Proposta għal direttiva Premessa 8**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(8) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li kull Stat Membru jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura l-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà essenzjali tiegħu, jissalvagwardja l-politika pubblika u s-sigurtà pubblika, u jippermetti l-investigazzjoni, l-iskoperta u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali. Skont l-Artikolu 346 tat-TFUE, l-ebda Stat Membru m'għandu jkun obligat li jipprovdi informazzjoni li l-iżvelar tagħha jqisha kuntrarju għall-interessi essenzjali tas-sigurtà tiegħu.

#### *Emenda*

(8) Id-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li kull Stat Membru jieħu l-miżuri meħtieġa sabiex jiżgura l-protezzjoni tal-interessi tas-sigurtà essenzjali tiegħu, jissalvagwardja l-politika pubblika u s-sigurtà pubblika, u jippermetti l-investigazzjoni, l-iskoperta u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, ***bil-kundizzjoni li ma għandhomx jużaw dan bħala skuża biex jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi aktar ġenerali tagħhom rigward ir-rispett għall-protezzjoni tal-ħajja privata u tad-dejta personali.*** Skont l-Artikolu 346 tat-TFUE, l-ebda Stat Membru m'għandu jkun obligat li jipprovdi informazzjoni li l-iżvelar tagħha jqisha kuntrarju għall-interessi essenzjali tas-sigurtà tiegħu.

## **Emenda 7**

### **Proposta għal direttiva Premessa 9**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(9) Biex jikseb u jżomm livell għoli komuni ta' sigurtà tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni, kull Stati Membru għandu jkollu strateġija nazzjonali dwar il-NIS li tiddefinixxi l-għanijiet strateġiċi u l-azzjonijiet politiċi konkreti li għandhom ikunu implimentati. Jeħtieġu li jiġu żviluppati pjanijiet ta' kooperazzjoni tal-NIS fil-livell nazzjonali li jikkonformaw

#### *Emenda*

(9) Biex jikseb u jżomm livell għoli komuni ta' sigurtà tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni, kull Stati Membru għandu jkollu strateġija nazzjonali dwar il-NIS li tiddefinixxi l-għanijiet strateġiċi u l-azzjonijiet politiċi konkreti li għandhom ikunu implimentati. Jeħtieġu li jiġu żviluppati pjanijiet ta' kooperazzjoni tal-NIS fil-livell nazzjonali li jikkonformaw

mar-rekwiżiti essenzjali sabiex jintlaħqu livelli ta' rispons ta' kapaċità li jippermettu kooperazzjoni effettiva u effiċjenti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni f'każ ta' inċidenti.

mar-rekwiżiti essenzjali sabiex jintlaħqu livelli ta' rispons ta' kapaċità li jippermettu kooperazzjoni effettiva u effiċjenti fil-livell nazzjonali u tal-Unjoni f'każ ta' inċidenti, ***b'rispett u protezzjoni għall-ħajja privata u d-dejta personali.***

## Emenda 8

### Proposta għal direttiva Premessa 10

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(10) Biex ikun hemm implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva, f'kull Stat Membru ***għandu jkun stabbilit jew identifikat korp*** responsabbli għall-koordinazzjoni tal-kwistjonijiet tal-NIS u li ***jaġixxi*** bħala punt fokali għall-kooperazzjoni transkonfinali fil-livell tal-Unjoni. Dawn il-korpi għandhom jingħataw ir-riżorsi tekniċi, finanzjarji u umani adegwati sabiex ikun żgurat li jistgħu jwettqu b'mod effettiv u effiċjenti l-kompiti assenjati lilhom u b'hekk jilħqu l-għanijiet ta' din id-Direttiva.

#### *Emenda*

(10) Biex ikun hemm implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet adottati skont din id-Direttiva, f'kull Stat Membru ***għandha tiġi stabbilita jew identifikata awtorità kompetenti nazzjonali taħt kontroll ċivili b'sorveljanza demokratika u bi trasparenza sħiħa fl-operazzjonijiet tagħhom li tkun responsabbli*** għall-koordinazzjoni tal-kwistjonijiet tal-NIS u li ***taġixxi*** bħala punt fokali għall-kooperazzjoni transkonfinali fil-livell tal-Unjoni. Dawn il-korpi għandhom jingħataw ir-riżorsi tekniċi, finanzjarji u umani adegwati sabiex ikun żgurat li jistgħu jwettqu b'mod effettiv u effiċjenti l-kompiti assenjati lilhom u b'hekk jilħqu l-għanijiet ta' din id-Direttiva.

## Emenda 9

### Proposta għal direttiva Premessa 14a (ġdida)

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Emenda*

***(14a) Aktar setturi li jadottaw servizzi cloud fl-ambjent informatiku tagħhom bħal servizzi tal-IT li joperaw infrastruttura kritika. Miżuri suffiċjenti ta' sigurtà jeħtieġu li jiżguraw il-kunfidenzjalità, l-integrità u d-disponibbiltà tad-dejta fil-cloud. L-ospitar***

*ta' servizzi infrastrutturali, u l-ħżin ta' dejta sensitiva fl-ambjent cloud iġib miegħu rekwiżiti ta' sigurtà u flessibilità li servizzi cloud eżistenti mhumiex f'pożizzjoni li jindirizzawhom. Għalhekk, hemm bżonn li jkun hemm assigurazzjoni li l-ambjent tal-cloud computing jista' jipprovdli protezzjoni profiċjenti tal-infrastruttura kritika tad-dejta sensitiva.*

## Emenda 10

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 15

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

(15) Peress li l-parti l-kbira tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni huma operati mill- privat, il-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat hija essenzjali. L-operaturi tas-suq għandhom ikunu mħeġġa jsegwu l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni informali tagħhom stess sabiex jiżguraw il-NIS. Għandhom jikkooperaw ukoll mas-settur pubbliku u jaqsmu informazzjoni u prattiki tajba *filwaqt li huma jingħataw* appoġġ operattiv f'każ ta' inċidenti.

##### *Emenda*

(15) Peress li l-parti l-kbira tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni huma operati mill- privat, il-kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat hija essenzjali. L-operaturi tas-suq għandhom ikunu mħeġġa jsegwu l-mekkaniżmi ta' kooperazzjoni informali tagħhom stess sabiex jiżguraw il-NIS. Għandhom jikkooperaw ukoll mas-settur pubbliku u jaqsmu *b'mod reċiproku* informazzjoni u prattiki tajba *kif ukoll* appoġġ operattiv *reċiproku kif meħtieġ* f'każ ta' inċidenti.

## Emenda 11

### Proposta għal direttiva

#### Premessa 15a (ġdida)

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

*Mekkaniżmi ta' kooperazzjoni nazzjonali diġà eżistenti bejn operaturi pubbliċi u privati għandhom jiġu rrispettati bis-sħiħ meta jkun possibbli u f'konformità mad-Direttiva 95/46/KE u d-dispożizzjonijiet stipulati f'din id-Direttiva m'għandhomx jimminaw tali arranġamenti ta' kooperazzjoni stabbiliti.*

##### *Emenda*



## Emenda 12

### Proposta għal direttiva Premessa 16

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(16) Biex jiżguraw trasparenza u jinformati tajjeb liċ-ċittadini tal-UE u lill-operaturi tas-suq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħidli sit elettroniku komuni sabiex jipubblikaw informazzjoni mhux kunfidenzjali dwar l-inċidenti u r-riskji.

#### *Emenda*

(16) Biex jiżguraw trasparenza u jinformati tajjeb liċ-ċittadini tal-UE u lill-operaturi tas-suq, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jgħidli sit elettroniku komuni sabiex jipubblikaw, ***fil-pront***, informazzjoni ***komprensiva*** mhux kunfidenzjali dwar l-inċidenti u r-riskji.

## Emenda 13

### Proposta għal direttiva Premessa 21

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(21) Minħabba n-natura globali tal-problemi tal-NIS, teħtieġ kooperazzjoni internazzjonali aktar mill-qrib sabiex jittiejbu l-istandards tas-sigurtà u l-iskambju tal-informazzjoni, u jiġi promoss approċċ globali komuni lejn il-kwistjonijiet tal-NIS.

#### *Emenda*

(21) Minħabba n-natura globali tal-problemi tal-NIS, teħtieġ kooperazzjoni internazzjonali aktar mill-qrib sabiex jittiejbu l-istandards tas-sigurtà u l-iskambju tal-informazzjoni, u jiġi promoss approċċ globali komuni lejn il-kwistjonijiet tal-NIS, ***bil-kundizzjoni li l-Istati li din il-kooperazzjoni tiġi ppjanata magħhom ikollhom strumenti għall-kontroll u l-protezzjoni tad-dejta li jiżguraw l-istess livell ta' sigurtà bħal dawk tal-UE.***

## Emenda 14

### Proposta għal direttiva Premessa 22

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(22) Ir-responsabbiltajiet tal-iżgurar tal-NIS jaqgħu fil-parti l-kbira tagħhom taħt l-amministrazzjonijiet pubbliċi u ***l-operaturi***

#### *Emenda*

(22) Ir-responsabbiltajiet tal-iżgurar tal-NIS jaqgħu fil-parti l-kbira tagħhom taħt l-amministrazzjonijiet pubbliċi u ***l-impriżi.***

*tas-sug*. Kultura ta' ġestjoni tar-riskju, li tinvolvi valutazzjoni tar-riskju u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà *xierqa għar-riskji ffaċċjati* għandha tkun promossa u żviluppata permezz ta' rekwiżiti regolatorji xierqa u prattiki industrijali volontarji. L-istabiliment ta' kundizzjonijiet indaqs huwa wkoll essenzjali għall-funzjonament effettiv tan-netwerk ta' kooperazzjoni biex tiġi żgurata l-kooperazzjoni effettiva mill-Istati Membri kollha.

Kultura ta' ġestjoni tar-riskju, li tinvolvi valutazzjoni tar-riskju u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' sigurtà *li jfittxu li jantiċipaw inċidenti ta' sigurtà, kemm jekk intenzionali kif ukoll jekk aċċidentali*, għandha tkun promossa u żviluppata permezz ta' rekwiżiti regolatorji xierqa u prattiki industrijali volontarji. *Fejn tali kultura ta' ġestjoni tar-riskju diġà teżisti, u, b'mod partikolari, meta tiddependi fuq prattiki volontarji, din għandha tiġi appoġġata, msaħħa u kondiviża*. L-istabiliment ta' kundizzjonijiet indaqs huwa wkoll essenzjali għall-funzjonament effettiv tan-netwerk ta' kooperazzjoni biex tiġi żgurata l-kooperazzjoni effettiva mill-Istati Membri kollha.

## Emenda 15

### Proposta għal direttiva Premessa 22a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(22a) Amministrazzjonijiet pubbliċi u impriżi privati, inklużi l-fornituri tas-servizzi tan-netwerk u l-fornituri ta' informazzjoni u softwer, għandhom iqisu l-protezzjoni tas-sistemi ta' informazzjoni tagħhom u tad-dejta li jkun fihom bħala li tagħmel parti mill-obbligu tagħhom ta' diliġenza. Livelli xierqa ta' protezzjoni għandhom jiġu pprovduti kontra theddid raġonevolment identifikabbli u oqsma ta' vulnerabbiltà. L-ispiża u l-piż ta' tali protezzjoni għandhom jirriflettu d-dannu probabbli li attakk ċibernetiku jikkaġuna lil dawk affettwati.*

## Emenda 16

### Proposta għal direttiva Premessa 26a (ġdida)

**(26a) It-tfal huma esposti għall-internet u għal teknoloġija moderna oħra minn meta jkunu żgħar ħafna kif ukoll għat-theddiet li jiġu magħha. Regolazzjoni soda ta' spazju onlajn tajjeb għat-tfal hija kruċjali biex ittaffi l-ħsara u tiżgura li l-protezzjoni tat-tfal u tad-drittijiet tagħhom ma jiġux kompromessi;**

## Emenda 17

### Proposta għal direttiva Premessa 28

(28) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni dovuta lill-preservazzjoni tal-kanali informali u fdati ta' qsim ta' informazzjoni bejn l-operaturi tas-suq u bejn is-settur pubbliku u privat. Ix-xandir tal-inċidenti rrapportati lill-awtoritajiet kompetenti għandu ***jsib bilanċ xieraq*** bejn l-interess tal-pubbliku li jkun informat dwar it-theddid ***u l-ħsarat possibbli tar-reputazzjoni u tal-kummerċ għall-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-operaturi tas-suq li jirrapportaw l-inċidenti. Fl-implimentazzjoni tal-obbligi ta' notifika, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni partikolari lill-ħtieġa li jżommu informazzjoni dwar il-vulnerabbiltajiet tal-prodott strettament kunfidenzjali qabel ma joħorġu xi soluzzjonijiet ta' sigurtà xierqa.***

(28) L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni dovuta lill-preservazzjoni tal-kanali informali u fdati ta' qsim ta' informazzjoni bejn l-operaturi tas-suq u bejn is-settur pubbliku u privat. Ix-xandir tal-inċidenti rrapportati lill-awtoritajiet kompetenti għandu ***jagħti preċedenza lill-interess*** tal-pubbliku li jkun informat dwar it-theddid ***aktar milli lil kunsiderazzjonijiet ekonomiċi fuq żmien qasir.***

## Emenda 18

### Proposta għal direttiva Premessa 29a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(29a) Użu frodulentu tal-internet jagħti l-opportunità lill-kriminalità organizzata tespandi l-attivitajiet onlajn tagħha għall-iskopijiet ta' ħasil tal-flus, l-iffalsifikar u għal prodotti u servizzi oħra li jmorru kontra d-DPI, kif ukoll biex tesperimenta b'attivitajiet kriminali ġodda, biex b'hekk tinkixef kapaċità tal-biża' biex tadatta għat-teknoloġija moderna;***

## **Emenda 19**

### **Proposta għal direttiva Premessa 30a (ġdida)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***(30a) Iċ-ċiberkriminalità kull ma tmur dejjem qiegħda toħloq danni soċjali u ekonomiċi sinifikanti li jaffettwaw miljuni ta' konsumaturi u qed tikkaġuna telf annwali stmat għal EUR 290 biljun<sup>4a</sup>;***

---

<sup>4a</sup> Skont ir-Rapport Norton Cybercrime 2012.

## **Emenda 20**

### **Proposta għal direttiva Premessa 33**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

(33) Il-Kummissjoni għandha tirrevedi din id-Direttiva minn żmien għal żmien, b'mod partikolari bl-għan li tiddetermina l-ħtieġa ta' modifikazzjonijiet fid-dawl ta' kundizzjonijiet teknoloġiċi jew tas-suq li jkunu nbidlu.

(33) Il-Kummissjoni għandha tirrevedi din id-Direttiva minn żmien għal żmien, b'mod partikolari bl-għan li tiddetermina l-ħtieġa ta' modifikazzjonijiet fid-dawl ta' kundizzjonijiet teknoloġiċi jew tas-suq li jkunu nbidlu ***u tal-obbligi mmirati għall-ogħla livell ta' sigurtà u integrità tan-netwerks u l-informazzjoni u l-protezzjoni tal-ħajja privata u tad-dejta personali.***

## Emenda 21

### Proposta għal direttiva Premessa 39

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(39) Il-qsim tal-informazzjoni dwar ir-riskji u l-inċidenti fi ħdan in-netwerk ta' kooperazzjoni u l-konformità mar-rekwiżiti ta' notifika tal-inċidenti lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jista' jkun jeħtieġ l-ipproċessar ta' dejta personali. Tali pproċessar ta' dejta personali huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet ta' interess pubbliku segwiti minn din id-Direttiva ***u għaldaqstant*** huwa leġittimu taħt l-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE. ***Ma jikkostitwixxix, b'rabta ma' dawn l-għanijiet leġittimi, intervent sproporzjonat u intollerabbli li jolqot is-sustanza stess tad-dritt*** għall-protezzjoni tad-dejta personali ggarantit mill-Artikolu 8 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali. Fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, għandu japplika kif xieraq ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Meta dejta tkun ipproċessata mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, dan l-ipproċessar għall-fini tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, għandu josserva r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-dejta.

---

<sup>31</sup> ĠU L 145, 31.05.01, p. 43.

#### *Emenda*

(39) Il-qsim tal-informazzjoni dwar ir-riskji u l-inċidenti fi ħdan in-netwerk ta' kooperazzjoni u l-konformità mar-rekwiżiti ta' notifika tal-inċidenti lill-awtoritajiet kompetenti nazzjonali jista' jkun jeħtieġ l-ipproċessar ta' dejta personali. ***Fejn*** tali pproċessar ta' dejta personali huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet ta' interess pubbliku segwiti minn din id-Direttiva, ***jista' jkun*** leġittimu taħt l-Artikolu 7 tad-Direttiva 95/46/KE. ***Madanakollu, ma jeżonerax lill-awtoritajiet kompetenti mill-obbligu li jaġixxu b'mod porporzjonali, b'mod li x'aktarx mhux se jfixxkel id-dritt*** għall-protezzjoni tad-dejta personali ggarantit mill-Artikolu 8 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali. Fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, għandu japplika kif xieraq ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni. Meta dejta tkun ipproċessata mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, dan l-ipproċessar għall-fini tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, għandu josserva r-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dik id-dejta.

---

<sup>31</sup> ĠU L 145, 31.05.01, p. 43.

## Emenda 22

### Proposta għal direttiva Premessa 41a (ġdida)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

***Fil-każ tal-miżuri kollha, id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, partikolarment dawk imsemmija fil-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (Atrikolu 8, ir-rispett għall-ħajja privata), għandhom ikunu protetti u l-prinċipju ta' proporzjonalità għandu jiġi rispettat.***

## Emenda 23

### Proposta għal direttiva Artikolu 1 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5. Din id-Direttiva għandha ***wkoll tkun mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 95/46/KE*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta, u għad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta.

5. Din id-Direttiva għandha ***tirrispetta bis-sih id-Direttiva 95/46/KE*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta, u għad-Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar tad-dejta personali u l-protezzjoni tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika u r-Regolament ***(KE) Nru 45/2001*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ***tat-18 ta' Diċembru 2000*** dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali ***mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità*** u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta.

## Emenda 24

### Proposta għal direttiva

## Artikolu 2

### *Test propost mill-Kummissjoni*

L-Istati Membri għandhom jitħallew jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet li jassiguraw livell oġhla ta' sigurtà, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tagħhom taħt il-liġi tal-Unjoni.

### *Emenda*

L-Istati Membri għandhom jitħallew jadottaw jew iżommu dispożizzjonijiet li jassiguraw livell oġhla ta' sigurtà, mingħajr preġudizzju għall-obbligi tagħhom taħt il-liġi tal-Unjoni, ***iżda tali dispożizzjonijiet għandhom jikkonformaw mal-aspettattivi minimi komuni applikabbli f'dan il-każ, stabbiliti f'din id-Direttiva.***

## Emenda 25

### **Proposta għal direttiva Artikolu 3 – punt 2**

### *Test propost mill-Kummissjoni*

(2) "sigurtà" tfisser l-abbiltà ta' sistema ta' netwerks u ta' informazzjoni li tirreżisti, ***f'livell partikolari ta' fiduċja, għal*** aċċidenti jew azzjonijiet malizzjużi li jikkompromettu d-disponibbiltà, l-awtenticietà, l-integrità u l-kunfidenzjalità ta' dejta maħżuna jew mibgħuta jew tas-servizzi relatati offruti minn jew aċċessibbli permezz ta' dik is-sistema ta' netwerks u informazzjoni;

### *Emenda*

(2) "sigurtà" tfisser l-abbiltà ta' sistema ta' netwerks u ta' informazzjoni li tirreżisti aċċidenti jew azzjonijiet malizzjużi li jikkompromettu d-disponibbiltà, l-awtenticietà, l-integrità u l-kunfidenzjalità ta' dejta maħżuna jew mibgħuta jew tas-servizzi relatati offruti minn jew aċċessibbli permezz ta' dik is-sistema ta' netwerks u informazzjoni;

## Emenda 26

### **Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a (ġdid)**

### *Test propost mill-Kummissjoni*

### *Emenda*

***"flessibbiltà ċibernetika" tfisser il-kapaċità ta' netwerk u ta' sistema ta' informazzjoni li jirreżistu u jirkupraw il-kapaċità operattiva sħiħa wara l-inċidenti, inklużi iżda mhux biss; ħsara teknika, qtugħ tal-elettriku jew inċidenti ta' sigurtà;***

## Emenda 27

### Proposta għal direttiva Artikolu 3 – paragrafu 4

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

“inċident” tfisser kwalunkwe ċirkostanza jew avveniment li jkollu effett negattiv reali fuq is-sigurtà;

#### *Emenda*

“inċident” tfisser kwalunkwe ċirkostanza jew avveniment li jkollu effett negattiv reali fuq is-sigurtà ***u l-forniment ta' servizzi ewlenin***;

## Emenda 28

### Proposta għal direttiva Artikolu 3 – punt 8 – punt b

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) operatur ta' infrastruttura kruċjali li hija essenzjali għaż-żamma ta' attivitajiet ***ekonomiċi u soċjetali*** vitali fl-oqsma tal-enerġija, tat-trasport, tal-banek, tal-boroż u tas-saħħa, li lista mhux eżawrjenti tagħhom tinsab fl-Anness II.

#### *Emenda*

(b) operatur ta' infrastruttura kruċjali li hija essenzjali għaż-żamma ta' attivitajiet ***soċjetali u ekonomiċi*** vitali fl-oqsma tal-enerġija, tat-trasport, tal-banek, tal-boroż ***tal-katina alimentari*** u tas-saħħa, li lista mhux eżawrjenti tagħhom tinsab fl-Anness II.

## Emenda 29

### Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(a) ***Il-pjan ta' valutazzjoni*** tar-riskju sabiex jiġu identifikati r-riskji u jiġu vvalutati l-impatti ta' inċidenti potenzjali;

#### *Emenda*

(a) ***Qafas għall-ġestjoni*** tar-riskju ***li jinkorpora, mill-anqas, valutazzjoni regolari*** sabiex jiġu identifikati r-riskji u jiġu vvalutati l-impatti ta' inċidenti potenzjali, ***u miżuri li jippreżervaw is-sigurtà u l-integrità tal-informazzjoni, inkluża twissija bikrija***;



## *Ġustifikazzjoni*

*Pjan ta' valutazzjoni mhuwiex suffiċjenti, u ma jinkludix miżuri oħra meħtieġa għall-għan ta' network ta' ġestjoni u r-riskji tas-sigurtà tal-informazzjoni. Il-KEPD jirrakkomanda l-isabbiliment ta' qafas għall-ġestjoni tar-riskju li jinkludi valutazzjoni tar-riskju.*

### **Emenda 30**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

3. L-istrateġija nazzjonali tal-NIS u l-pjan ta' kooperazzjoni nazzjonali tal-NIS għandhom ikunu kkomunikati lill-Kummissjoni fi żmien xahar mill-adozzjoni tagħhom.

*Emenda*

3. L-istrateġija nazzjonali tal-NIS u l-pjan ta' kooperazzjoni nazzjonali tal-NIS għandhom ikunu kkomunikati lill-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u ***l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta*** fi żmien xahar mill-adozzjoni tagħhom, ***li ma għandux ikun aktar tard minn 12-il xhar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.***

### **Emenda 31**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***(3a) Il-Kummissjoni għandha tfisser fil-qosor l-istrateġiji tal-NIS tal-Istati Membri kollha u tressaqhom lill-Istati Membri kollha f'forma organizzata.***

*Emenda*

## *Ġustifikazzjoni*

*Ikun utli jekk l-Istati Membri jkunu jafu bil-pjanijiet ta' xulxin. Din tgħinhom biex jiddeterminaw l-approċċi tagħhom, u jista' jkun hemm saħansitra opportunitajiet għall-iskambji tal-aħjar prattiki.*

### **Emenda 32**

#### **Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 3b (ġdid)**

**(3b) Fi żmien sitt xhur wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tiġbor gwida għall-istruttura tal-istrateġija NIS. L-għan tagħha għandu jkun li tgħin lill-Istati Membri jabbozzaw u jadottaw dokumenti bi kważi l-istess struttura.**

*Ġustifikazzjoni*

*Il-ħidma ta' organizzazzjoni u għbir fil-qosor fil-livell Komunitarju tista' tkun aktar effettiva jekk it-28 dokument li fuqhom hija bbażata jaderixxu ma' ċerta struttura ġenerali. Għalkemm il-gwida tal-Kummissjoni ma tkunx vinkolanti, xorta jkollha l-effett li tipperswadi lill-Istati Membri jaderixxu ma' dan il-mudell jew ma' din l-istruttura rakkomandat/a meta jkunu qegħdin jabbozzaw l-istrateġiji nazzjonali proprji.*

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 6 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità nazzjonali kompetenti dwar is-sigurtà tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni (l-“awtorità kompetenti”).

1. Kull Stat Membru għandu jaħtar awtorità nazzjonali kompetenti **ċivili** dwar is-sigurtà tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni (l-“awtorità kompetenti”).

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 6 – paragrafu 5**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw u jikkooperaw, **kull meta jkun xieraq**, mal-awtoritajiet nazzjonali **rilevanti** tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta.

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonsultaw u jikkooperaw **mill-qrib** mal-awtoritajiet nazzjonali rilevanti **kompetenti** tal-infurzar tal-liġi u l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta, **kull fejn ikun xieraq u għandhom iqisu wkoll il-prinċipju tal-proporzjonalità.**

## Emenda 35

### Proposta għal direttiva Artikolu 6 – paragrafu 5 (ġdid)

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

**5a. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkonformaw, fir-rigward tal-informazzjoni miġbura, proċessata u skambjata, mar-rekwiżiti dwar il-protezzjoni tad-dejta personali kif stabbiliti fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 95/46/KE.**

## Emenda 36

### Proposta għal direttiva Artikolu 7 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi **Grupp** ta' Rispons ta' Emerġenza tal-Kompjuters (minn hawn 'il quddiem: "**CERT**") li jkun responsabbli għall-indirizzar tal-inċidenti u tar-riskji skont proċess iddefinit tajjeb, li għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (1) tal-Anness I. CERT **jista'** jkun stabbilit fi ħdan l-awtorità kompetenti.

1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi **Gruppi** ta' Rispons ta' Emerġenza tal-Kompjuters (minn hawn 'il quddiem: "**CERTs**") li jkun responsabbli għall-indirizzar tal-inċidenti u tar-riskji skont proċess iddefinit tajjeb, li għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fil-punt (1) tal-Anness I. **Fejn ikun xieraq, CERT għandu** jkun stabbilit fi ħdan l-awtorità kompetenti.

## Emenda 37

### Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 2

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

2. In-netwerk ta' kooperazzjoni għandu joħloq komunikazzjoni permanenti bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti. Meta tintalab, l-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tan-Netwerks u tal-Infommazzjoni ("ENISA") għandha tassisti lin-netwerk ta'

2. In-netwerk ta' kooperazzjoni għandu joħloq komunikazzjoni permanenti bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet kompetenti. Meta tintalab, l-Aġenzija Ewropea tas-Sigurtà tan-Netwerks u tal-Infommazzjoni ("ENISA") għandha tassisti lin-netwerk ta'

kooperazzjoni billi ttiprovdi *l-għarfien  
espert u l-pariri tagħha.*

kooperazzjoni billi ttiprovdi *gwida  
independenti mit-teknoloġija b'miżuri  
sostenibbli kemm għas-settur pubbliku kif  
ukoll għal dak privat.*

#### **Emenda 38**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 9 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(ba) il-kriterji għall-parteċipazzjoni tal-  
Istati Membri fis-sistema ta' skambju ta'  
informazzjoni sikura biex jiġi żgurat li  
livell għoli ta' sikurezza u flessibilità jiġi  
garantit mill-parteċipanti kollha fl-istadji  
kollha tal-ipproċessar, anke permezz ta'  
miżuri adegwati ta' kunfidenzjalità u  
sikurezza f'konformità mal-  
Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 95/46/KE u  
mal-Artikoli 21 u 22 tar-Regolament (KE)  
Nru 45/2001.*

#### **Emenda 39**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 9 – paragrafu 3**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*3. Il-Kummissjoni għandha tadotta,  
permezz ta' atti ta' implimentazzjoni,  
deċiżjonijiet dwar l-aċċess tal-Istati  
Membri għal din l-infrastruttura sigura,  
skont il-kriterji msemmija fil-paragrafu 2  
u 3. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni  
għandhom ikunu adottati skont il-  
proċedura ta' eżami msemmija fl-  
Artikolu 19(3).*

*imħassar*

#### **Emenda 40**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt a – inċiż 2**

*Test propost mill-Kummissjoni*

–definizzjoni ***tal-proċeduri u l-kriterji*** għall-valutazzjoni tar-riskji u l-inċidenti min-netwerk ta' kooperazzjoni.

*Emenda*

– definizzjoni ***tal-kriterji*** għall-valutazzjoni tar-riskji u l-inċidenti min-netwerk ta' kooperazzjoni.

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 13**

*Test propost mill-Kummissjoni*

Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li n-netwerk ta' kooperazzjoni jkollu kooperazzjoni internazzjonali informali, l-Unjoni tista' tikkonkludi ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali li jippermettu u jorganizzaw il-parteċipazzjoni tagħhom f'xi attivitajiet tan-netwerk ta' kooperazzjoni. Tali ftehim għandu ***jqis il-ħtieġa li tiġi żgurata protezzjoni adegwata*** tad-dejta personali li tkun tidher fuq in-netwerk ta' kooperazzjoni.

*Emenda*

Mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li n-netwerk ta' kooperazzjoni jkollu kooperazzjoni internazzjonali informali, l-Unjoni tista' tikkonkludi ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi terzi jew ma' organizzazzjonijiet internazzjonali li jippermettu u jorganizzaw il-parteċipazzjoni tagħhom f'xi attivitajiet tan-netwerk ta' kooperazzjoni. Tali ftehim għandu ***jiġi konkluż biss jekk livell ta' protezzjoni tad-dejta personali li tkun tidher fuq in-netwerk ta' kooperazzjoni tista' tiġi żgurata u li din tkun adegwata u komparabbli ma' dik tal-Unjoni.***

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva  
Artikolu 14 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-operaturi tas-suq jieħdu l-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa sabiex ***jindirizzaw*** ir-riskji maħluqa għas-sigurtà tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni li huma jikkontrollaw u jużaw fl-operazzjonijiet tagħhom. Wara li jikkunsidraw l-aħħar teknoloġiji, dawn il-miżuri għandhom jiggarrantixxu livell ta' sigurtà xieraq għar-

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-operaturi tas-suq jieħdu l-miżuri tekniċi u organizzattivi xierqa sabiex ***jikxfu, iġestixxu b'mod effettiv u jillimitaw*** ir-riskji maħluqa għas-sigurtà tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni li huma jikkontrollaw u jużaw fl-operazzjonijiet tagħhom. Wara li jikkunsidraw l-aħħar teknoloġiji, dawn il-miżuri għandhom

riskju ppreżentat. B'mod partikolari, għandhom jittieħdu miżuri għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-impatt tal-inċidenti li jaffettwaw is-sistema tan-netwerks u tal-informazzjoni tagħhom fuq is-servizzi ewlenin li jipprovdu u b'hekk jassiguraw il-kontinwità tas-servizzi msejsa fuq daww is-sistemi ta' netwerks u ta' informazzjoni.

jiggarantixxu livell ta' sigurtà xieraq **u proporzjonali** għar-riskju ppreżentat. B'mod partikolari, għandhom jittieħdu miżuri għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-impatt tal-inċidenti li jaffettwaw is-sistema tan-netwerks u tal-informazzjoni tagħhom fuq is-servizzi ewlenin li jipprovdu u b'hekk jassiguraw il-kontinwità tas-servizzi **u s-sigurtà tad-dejta** msejsa fuq daww is-sistemi ta' netwerks u ta' informazzjoni.

### Emenda 43

#### Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 2 – punt a (ġdid)

##### *Emenda*

***(a) Il-produtturi ta' softwer kummerċjali għandhom jinżammu responsabbli minkejja klawnsoli ta' ebda responsabbiltà fi ftehimiet ma' utenti fil-każ ta' negliġenza serja dwar sikurezza u s-sigurtà.***

##### *Ġustifikazzjoni*

*Fil-ftehim ta' liċenzja, il-produtturi ta' softwer kummerċjali jirrinunzjaw kull responsabbiltà li tista' tinqala' minħabba ħsieb fjakk fir-rigward tas-sigurtà u programmar inferjuri. Biex il-produtturi tas-softwer jinvestu f'miżuri tas-sigurtà, tinħtieġ kultura differenti. Din tista' timmaterjalizza biss jekk il-produtturi tas-softwer jinżammu responsabbli għal kwalunkwe nuqqas fis-sigurtà.*

### Emenda 44

#### Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 3

##### *Test propost mill-Kummissjoni*

3. Il-ħtiġijiet skont il-paragrafi 1 u 2 japplikaw għall-operaturi tas-suq kollha li jipprovdu servizzi kruċjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

##### *Emenda*

3. Ir-rekwiżiti skont il-paragrafi 1 u 2 japplikaw għall-operaturi tas-suq **u għall-produtturi tas-softwer** kollha li jipprovdu servizzi kruċjali fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

## Emenda 45

### Proposta għal direttiva Artikolu 14 – paragrafu 6

*Test propost mill-Kummissjoni*

**6. Soġġett għal kwalunkwe att iddelegat adottat taħt il-paragrafu 5, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jadottaw linji gwida u, fejn ikun meħtieġ, joħorġu struzzjonijiet rigward iċ-ċirkostanzi li fihom l-amministrazzjonijiet pubbliċi u l-operaturi tas-suq ikunu meħtieġa jinnotifikaw l-inċidenti.**

*Emenda*

**imħassar**

## Emenda 46

### Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat **kollha** meħtieġa sabiex jinvestigaw każijiet ta' nuqqas ta' konformità min-naħa tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u tal-operaturi tas-suq mal-obbligi tagħhom taħt l-Artikolu 14 u l-effetti ta' dan fuq is-sigurtà tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom is-setgħat meħtieġa sabiex jinvestigaw każijiet ta' nuqqas ta' konformità min-naħa tal-amministrazzjonijiet pubbliċi u tal-operaturi tas-suq mal-obbligi tagħhom taħt l-Artikolu 14 u l-effetti ta' dan fuq is-sigurtà tas-sistemi tan-netwerks u tal-informazzjoni.

## Emenda 47

### Proposta għal direttiva Artikolu 15 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta personali meta jindirizzaw inċidenti li jirriżultaw fi ksur ta' dejta personali.

*Emenda*

**5. Mingħajr preġudizzju għal-liġi applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta, u b'konsultazzjoni sħiħa mal-kontrolluri u l-proċessuri tad-dejta rilevanti, l-awtoritajiet kompetenti u l-punti ta'**

*kuntatt individwali* għandhom jikkooperaw mill-qrib mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta personali meta jindirizzaw inċidenti li jirriżultaw fi ksur ta' dejta personali.

## **Emenda 48**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 19a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

#### **Artikolu 19a**

##### ***Protezzjoni u pproċessar ta' dejta personali***

- 1. Kwalunkwe pproċessar ta' dejta personali fl-Istati Membri skont din id-Direttiva għandu jitwettaq skont id-Direttiva 95/46/KE u id-Direttiva 2002/58/KE.***
- 2. Kwalunkwe pproċessar ta' dejta personali mill-Kummissjoni u mill-ENISA skont dan ir-Regolament għandu jitwettaq skont ir-Regolament (KE) Nru 45/2001.***
- 3. Kwalunkwe pproċessar ta' dejta personali miċ-Ċentru taċ-Ċiberkriminalità fi ħdan l-Europol għall-finijiet ta' din id-Direttiva għandu jitwettaq skont id-Deċiżjoni 2009/371/ĠAI.***
- 4. L-iproċessar ta' dejta personali għandu jkun ġust u legali u strettament limitat għall-informazzjoni minima meħtieġa għall-finijiet li għalihom tkun ġiet ipproċessata. Għandha tinżamm f'forma li tippermetti l-identifikazzjoni tas-suġġetti tad-dejta għal mhux iktar tard milli jkun meħtieġ għall-finijiet li għalihom id-dejta personali tkun ġiet ipproċessata.***
- 5. Notifiki ta' inċidenti msemmija fl-Artikolu 14 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet u l-***



*obbligi fir-rigward ta' notifiki dwar ksur ta' dejta personali stipulati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2002/58/KE u fir-Regolament (UE) Nru 611/2013.*

*6. Referenzi għad-Direttiva 95/46/KE għandhom jinftiehem bħala referenzi għar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' tali dejta (Regolament Ġenerali għall-Protezzjoni tad-Dejta) ladarba jkun fis-seħħ.*

## **Emenda 49**

### **Proposta għal direttiva Artikolu 20 – paragrafu 1**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Minn żmien għal żmien il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-funzjonament ta' din id-Direttiva u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-ewwel rapport għandu jkun ippreżentat sa mhux aktar tard minn *tliet snin* wara d-data ta' traspożizzjoni msemmija fl-Artikolu 21. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri jipprovdu informazzjoni mingħajr dewmien bla bżonn.

#### *Emenda*

Minn żmien għal żmien il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-funzjonament ta' din id-Direttiva u tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. L-ewwel rapport għandu jkun ippreżentat sa mhux aktar tard minn *sentejn* wara d-data ta' traspożizzjoni msemmija fl-Artikolu 21. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tista' titlob lill-Istati Membri jipprovdu informazzjoni mingħajr dewmien bla bżonn.

## **Emenda 50**

### **Proposta għal direttiva Anness 1 – paragrafu 1 – punt 1 – punt b**

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

(b) Is-CERT għandu jimplimenta u jgħestixxi miżuri ta' sigurtà sabiex jassigura l-kunfidenzjalità, l-integrità, id-disponibbiltà u l-awtentiċità tal-informazzjoni li jirċievi u jittratta.

#### *Emenda*

(b) Is-CERT għandu jimplimenta u jgħestixxi miżuri ta' sigurtà sabiex jassigura l-kunfidenzjalità, l-integrità, id-disponibbiltà u l-awtentiċità tal-informazzjoni li jirċievi u jittratta *u tiżgura*

*l-protezzjoni tad-dejta.*

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva  
Anness 2 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

- Il-lista ta' operaturi tas-suq  
Imsemmija fl-Artikolu 3(8) a):
1. *pjattaformi* ta' kummerċ elettroniku
  2. *portali* ta' ħlas fuq l-Internet
  3. *netwerks soċjali*
  4. *magni* tat-tiftix
  5. *servizzi* ta' cloud computing
6. *Imħażen tal-applikazzjonijiet*

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva  
Anness 2 – paragrafu 2 – punt 5a (ġdid)**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

- Il-lista ta' operaturi tas-suq  
Imsemmija fl-Artikolu 3(8) a):
1. *Pjattaformi* ta' kummerċ elettroniku
  2. *Portali* ta' ħlas fuq l-Internet
3. *Magni* tat-tiftix
4. *Servizzi* ta' cloud computing *li jaħżnu dejta kritika ta' infrastruttura tal-Unjoni Ewropea*

*5a. Katina alimentari*

## PROĊEDURA

<b>Titolu</b>	Livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni			
<b>Referenzi</b>	COM(2013)0048 – C7-0035/2013 – 2013/0027(COD)			
<b>Kumitat responsabbli</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	IMCO 15.4.2013			
<b>Opinjoni mogħtija minn</b> Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	LIBE 15.4.2013			
<b>Kumitat(i) assoċjat(i) - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja</b>	12.9.2013			
<b>Rapporteur għal opinjoni</b> Data tal-ħatra	Carl Schlyter 7.3.2013			
<b>Eżami fil-kumitat</b>	25.4.2013	18.9.2013	4.11.2013	13.1.2014
<b>Data tal-adozzjoni</b>	13.1.2014			
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: -: 0:	36 6 0		
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Jan Philipp Albrecht, Roberta Angelilli, Edit Bauer, Rita Borsellino, Arkadiusz Tomasz Bratkowski, Philip Claeys, Frank Engel, Cornelia Ernst, Tanja Fajon, Monika Flašíková Beňová, Kinga Gál, Kinga Göncz, Salvatore Iacolino, Sophia in 't Veld, Timothy Kirkhope, Juan Fernando López Aguilar, Baroness Sarah Ludford, Monica Luisa Macovei, Svetoslav Hristov Malinov, Véronique Mathieu Houillon, Anthea McIntyre, Nuno Melo, Roberta Metsola, Claude Moraes, Jacek Protasiewicz, Carmen Romero López, Birgit Sippel, Csaba Sógor, Renate Sommer, Axel Voss, Renate Weber, Josef Weidenholzer, Cecilia Wikström, Tatjana Ždanoka, Auke Zijlstra			
<b>Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Monika Hohlmeier, Jean Lambert, Ulrike Lunacek, Jan Mulder, Carl Schlyter, Marco Scurria			
<b>Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Katarína Neveďalová			